

Brussell, 5 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

9916/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0090 (BUD)

---

---

FIN 775  
PE-L 17

### NOTA PUNT "I/A"

---

|                |  |
|----------------|--|
| minn:          | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill   |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill  |
| Nru dok. Cion: | 8132/26  |
| Suġġett:       | Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għall-baġit ġenerali 2026: Dħul tas-surplus tas-sena finanzjarja 2025 |

---

1. Fl-10 ta' April 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 1 għall-baġit ġenerali għall-2026 dwar l-ibbaġitjar tas-surplus li jirriżulta mill-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2025<sup>1</sup>.
2. Kif irreġistrat fid-dokument 8132/26, l-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2025 turi *surplus* ta' EUR 2 095.24 miljun li jirriżulta minn:
  - (a) eżitu pożittiv fil-*parti tad-dħul tal-baġit* (+EUR 1 994.49 miljun), li minnhom:
    - Titolu 1 (Riżorsi proprji): +EUR 1 096.85 miljun
    - Titolu 2 (Surpluses, bilanċi u aġġustamenti): +EUR 17.48 miljun
    - Titolu 3 (Dħul Amministrattiv): +EUR 0.28 miljun

---

<sup>1</sup> Dokument 8132/26.

- Titolu 4 (Dħul Finanzjarju, imgħax ta' inadempjenza u multi): +EUR 840.37 miljun
- Titolu 6 (Dħul, kontribuzzjonijiet u refużjonijiet relatati ma' politiki tal-Unjoni): +EUR 39.51 miljun

(b) sottoimplimentazzjoni fil-parti tan-nefqa tal-baġit (-EUR 100.75 miljun), b'mod partikolari ta':

- approprjazzjonijiet awtorizzati fil-baġit tal-2025 (il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħrajn): -EUR 111.37 miljun
- kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet riportati minn snin preċedenti (il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħrajn): -EUR 137.03 miljun
- varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju fuq in-nefqa: +EUR 147.64 miljun

L-ibbaġitjar ta' dan is-surplus ser inaqqas għaldaqstant il-kontribuzzjoni globali tal-Istati Membri għall-finanzjament tal-baġit tal-UE fl-2026.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-ABE Nru 1/2026 fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' April 2026 u seta' jaċċettah mingħajr bidliet.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:
  - jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2026 kif tinsab fil-punt 3;
  - jagħti struzzjonijiet lill-Presidenza biex tħejji d-dokumenti baġitarji li għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u japprova l-abbozz ta' ittra fl-Anness għal dak il-għan;
  - jippubblika l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għall-baġit ġenerali għall-2026, kif tinsab fid-dokument 9917/26, *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*; u
  - japprova l-abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Kunsill irreġistrat fl-Addendum 1 ta' din in-nota u jdaħħalha fil-minuti tiegħu.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : Il-President tal-Kunsill

lil : Il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

Qed nibgħatlek separatament il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għas-sena finanzjarja 2026<sup>2</sup>, adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Ġunju 2026.

(Formola tal-għeluq).

---

---

<sup>2</sup> Id-dokumenti ST 9919/26 + ADD 1.